# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru sebgħa (7) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 7 ta' Mejju 2014, fit-3pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi. Il-kunsilliera kienu qablu li l-laqgħa tibda fit-3pm, qabel il-laqgħa tal-Lokalita fil-5.15pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUŻAT: | Publio Abdilla | Kunsillier |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sur Publius Abdilla ċempel ftit sigħat qabel il-laqgħa biex jagħmel talba biex ikun skuzat għal parti mil-laqgħa. Il-kunsillier kien skużat minn naħa tas-Sindku u tas-Segretarju Eżekuttiv.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Sindku reġa qal illi l-MTA mhux se jimpurtahom jekk il-proġett taqa taħt il-konfini tagħna jew taż-Żurrieq, u m'għandhom l-ebda awtorita fejn jidħlu konfini, u għalhekk ma jarax raġuni għalfejn għandna nispjegaw il-pożiżjoni tagħna rigward il-konfini [ref punt 3.1]. Reġa qal illi l-Kunsill qatt ma

ressaq ilment fuq il-konfini fl-area fil-passat u ma jarax għalfejn għandna nilmentaw issa meta tlifna l-opportunita għoxrin sena ilu. Il-kunsillier Pietru Pawl qal illi qatt ma ġġieled fuq il-konfini fl-area għax ma kienx hemm proġett u ma kellux fuq xiex jiġġieled, izda żied illi dejjem qal illi hemmhekk parti minn Ħal Safi. Reġa qal illi hemm bzonn illi ssir laqgħa mal-awtoritajiet u li għandna interess fl-area issa li qegħdin jagħmlu proġett. Is-Sindku qal illi kieku konna qegħdin niddiskutu proġett fil-konfini tagħna kien lest jiġġieled izda qal illi nkunu qegħdin naħlu l-ħin bl-ilmenti issa. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ma qabilx u qal illi ma jixtieqx jerġa jisma fuq dan il-punt issa li m'hemmx qbil. Is-Sindku qal illi lest jagħmel laqgħa mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq dan il-każ u nitilqu minn hemm. Qal illi l-kunsilliera kollha se jkunu mistednin għal laqgħa.

3.2 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kien hemm qbil, madwar sena ilu, biex nagħmlu l-bandiera tal-lokalita mal-konfini tagħna ma Żurrieq [fejn il-katakombi] (ref punt 3.4). Is-Sindku qal illi ma kienx qal illi se jagħmel hekk izda kien qabel illi jieħu dak l-azzjoni jekk ma l-Kunsill ta' Żurrieq joqogħdu jilagħbu bil-konfini/katakombi. Żied illi hu jixtieq juza diplomazjia fil-ftehim magħhom. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ma nkunu qegħdin nagħmlu xejn ħażin peress illi nkunu qegħdin nagħmlu l-bandiera fil-konfini tagħna.

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-Segretarji Eżekuttivi ta' kunsilli oħra ma sabux problemi fejn jidħlu items jew servizz tal-Bulky Refuse (ref. punt 3.6) fil-konfini tagħhom. Qal illi l-ebda wieħed minnhom ma qal illi hemm xi qies massimu għal kull item u qal illi kien hemm kunsilli li ma kellhomx ammont ta' items per household [free for all] izda li l-maġġoranza tagħhom kienu jieħdu 3 items minn kull dar. Il-Kunsill baqa bid-deċiżjoni tal-laqgħa preċedenti li t-tenderer għandu jiġbor massimu ta' 3 items/household. Kien hemm qbil ukoll illi t-tenderer ikollu jagħmel vjaġġ extra jekk ma jkunx jista jdaħħal l-items kollha fl-istess vjaġġ.

3.4 Is-Sindku qal illi sal-laqgħa ma kellu l-ebda risposta mill-MEPA rigward il-go ahead għall-ATM (ref punt 4.2). Id-deċiżjoni kellha tittieħed fis-27 t'April 2014.

3.5 Il-Viċi Sindku Johan Mula rrisponda għall-punt tal-kunsillier Publius Abdilla illi kien hemm wisq rikonoxximenti waqt l-attivita tal-Premju Onorefiċenża 2014 [ref punt 7.1] fejn qal illi kieku l-Kunsill kellu jħallas għas-servizz bzonnjuz ta' dawn in-nies, konna nħalsu ħafna flus matul il-sena jew inkella ħafna mix-xogħol illi sar ma kienx ikun possibli.

3.6 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi l-prezz għall-ħarġa kulturali t'Għawdex [ref punt 9.1] se tkun ta' €18. Dan il-prezz ma jinkludix il-biljett għall-vapur izda dawk bil-karta anzjan se jieħdu dan is-servizz b'xejn xorta waħda. Qal illi se jkun hemm 3 course meal.

3.7 Is-Sindku qal illi rċieva telefonata mill-President tar-Reġjun għax ma setax jifhem illi minn ħames kunsilliera, is-Sindku biss kien se jattendi għal laqgħa annwali tar-Reġjun li se ssir fis-sala tal-kommunita ta' Ħal Safi (ref punt nru 10.1). Il-kunsillier Carlo Stivala fakkar illi ġimgħa wara hemm l-elezzjonijiet tal-MEP's u hemm min hu mpenjat dik il-ġimgħa. Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi fil-kaz tiegħu se jkun ix-xogħol. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi s-Sibt dejjem l-agħar ġurnata għalih. Is-Sindku qal illi jifhem il-punti tagħhom u kien spjega lill-President illi hemm min hu mpenjat. Fuq l-istess punt is-Sindku qal illi kien hemm ftehim illi r-Reġjun se jixtru big screen li tiswa madwar €3000 bħala donazzjoni għal użu tas-sala għal sitt snin, izda issa se tingħata donazjoni ta' €500 minflok u juzaw is-sala din id-darba biss.

3.8 Is-Sindku qal illi qegħdin innaddfu fejn il-BIS ta' triq il-Kuċċard darbtejn fil-ġimgħa, wara lment mill-kunsillier Pietru Pawl Busuttil illi hemm ħafna zibel fl-area [ref punt 10.3].

3.9 Is-Sindku qal illi l-mobajls għandhom jaslu fil-ġranet illi ġejjin [ref punt 10.6].

3.10 Is-Sindku qal illi se jieħu ħsieb illi t-tabella (triq San Ġwann) titpoġġa lura fil-pożiżjoni tagħha [ref punt 10.7]

3.11 Is-Sindku ġabar kwotazzjoni għat-titwija ta' ħamrija u konkos [€944] u kwotazzjoni għal bini ta' ħitan bil-kantun [€1770] (ref punt 10.8) għall-proġett fl-area Ta' Ġawhar. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm bzonn ta 2 kwotazzjonijiet oħra rigward il-bini tal-ħitan peress illi l-ammont huwa 'il fuq minn €1166. Is-Sindku qal illi se jkollhom jagħmlu madwar 12 il-vjaġġ [għall-ħamrija] u li se jaħdem biex nieħdu fondi għall-proġett mir-Reġjun. Kien hemm qbil illi l-proġett isir mill-kunsilliera kollha preżenti. Is-Sindku qal ukoll illi bil-ħaddiema tal-Kunsill se nagħmlu bankina. Qal ukoll illi se jzomm 3 piedi l-ġewwa mit-triq.

3.12 Il-videographer se javza kemm tiswa DVD tar-reenactment li sar fis-6 t'April, u l-Kunsill se jfassal prezz għall-bejgħ tad-DVD. Is-Sindku staqsa lill-Viċi Sindku kemm hi twila d-DVD. Il-Viċi Sindku rrisponda li hemm footage ta' madwar siegħa. Is-Sindku qal illi l-Kunsill għandu jkollu r-rights tal-copyright tad-DVD.

## 4. Korrespondenza

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra minn GreenPak fejn għamlu talba lil kunsilli kollha biex joħorġu bye-law fejn wieħed ma jistax jiġbor "recycled waste" peress illi dawn qegħdin isibu li hemm min qed 'jisraq' ir-recycling tagħhom. Il-Kunsill ma qabilx mas-suġġeriment tagħhom rigward il-Byelaw. Is-Sindku qal illi aħna tajnihom kuntratt [lil GreenPak] u jekk jixtiequ jevitaw li ħaddieħor jiġbor il-waste tagħhom, għandhom jiġu izjed spiss u mhux noħorġu l-bye-laws aħna għalihom. Żied illi nkunu qegħdin nagħmlu xogħol extra għalihom billi nagħmlu bye-law.

## 5. Approvazzjoni tal-pagamenti

5.1 Il-kunsilliera ffirmaw il-PAS li ġie approvat fil-laqgħa preċedenti. L-iskeda ta' pagamenti ta din il-laqgħa se tkun diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 6. Ħwejjeġ Oħra

6.1 Is-Sindku għamel rikwest biex nagħmlu talba għar-reserved parking għat-tobba tar-raħal. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi fil-passat kien ressaq l-istess suġġeriment izda ma ġietx milqugħa mit-tobba dak iż-żmien. Hu u l-kunsilliera l-oħra m'oġġeżżjonawx għas-suġġeriment u l-MD's kollha se jirċievu ittra mill-Kunsill biex naraw min jixtieq reserved qabel ma nagħmlu talba lil TM. Is-Sindku qal illi x'aktarx dawk bil-kliniks biss jieħdu reserved parking barra l-klinik tagħhom, fejn hemm 2 minnhom fir-raħal [DR Gauci u Dr. Sandra Farrugia]. It-tobba l-oħra huma Dr. Charlene Farrugia, Dr. Abela u Dr. Portelli li kollha se jirċievu l-proposta.

6.2 Il-Viċi Sindku Johan Mula tkellem fuq is-serata mużiko-lettorarja li ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill fil-passat. Qal illi m'hemmx data kkonfermata izda li jixtieq li ssir lejn nofs Ġunju. Semma l-Misraħ ta' Santa Marija bħala post idejali għas-serata. Qal illi l-ideja hija biex ikun hemm qari ta' poeżiji u naqra mużika bejn il-qari ta' dawn il-poeżiji u qal illi huwa ħsieb illi ninvovlu n-nies tal-lokal ukoll. Għamel talba biex nagħlqu t-toroq madwar l-area għal madwar sagħtejn waqt is-serata.

6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ħareġ l-leaflet ta’ SkolaSajf 2014 izda żied illi din is-sena għandna l-kompetizzjoni peress illi l-Gvern se jipprovdi dan is-servizz bi prezz irħas. Żied jgħid illi bqjana bl-istess prezzijiet bħas-snin preċedenti. Is-Sindku qal illi fil-passat dejjem konna breakeven izda din is-sena se tkun diffiċli izda xorta se ssir. Qal illi għandu l-ħsieb illi jekk ma tirnexxix minħabba l-inizjattiva l-ġdida tal-Gvern, nipruvaw indaħħlu tfal ta sentejn u nintroduċu child care/play class. Il-Kunsill se jara mal-koordinatur u naraw jekk hemm għalliema li jieħdu ħsieb it-tfal ta’ qabel il-kinder. Is-Sindku reġa qal illi dan il-ħsieb għandu jsir realta BISS jekk ma jkunx hemm domanda għall-iskolaSajf.

**11. Laqgħa li jmiss**

11.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5pm.

11.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fl-21 ta’Mejju 2014 fl-10am.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |

# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 7 ta' Mejju 2014, fil-5.15pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

Il-kunsilliera kollha kienu preżenti, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

1. Ir-residenti preżenti kienu: is-sinjura Margaret Bongailas, is-sinjura Yvonne Zammit, is-sinjur Reno Bongailas u s-sur Patrick Bongailas.
2. Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-rapport amministrattiv tas-sena 2013. Dawn ġew moqrija u approvati.

**3. Q+A**

**3.1.1 ATM**

- Il-Kunsill ta l-opportunita lir-residenti biex jistaqsu mistoqsijiet lill-membri tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra mis-sur Patrick Bongailas li talab għal update rigward l-ATM u l-pożiżjoni tal-kunsilliera fuq l-istess ATM. Is-Sindku rrisponda li l-Kunsill ħa l-azzjoni u li applikajna għall-permessi biex l-ATM tiċċaqlaq għal triq il-Ħajt Ruman [minn triq l-Iskola]. Żied illi l-Kunsill prova jsib post ċentrali u applika biex titpoġġa fl-aħjar area li kien possibli. Qal ukoll illi din saret peress illi l-ATM kienet qegħda tkun ta' inkonvenjent lir-residenti ta' madwar u ma konniex se npoġġuha ġo area fejn kienet se tagħti fastidju lil ħaddieħor. Qal illi suppost il-MEPA kellhom jagħtu risposta sas-27 t'April 2014 izda li l-Kunsill ma rċieva l-ebda rispons sal-laqgħa. Għalaq ir-risposta billi qal illi jekk nieħdu l-permess sa nofs ix-xahar id-dieħel, l-ATM tkun f'sit oħra lejn l-aħħar tas-sena u l-bidu ta' 2015.
- Is-sinjura Margaret Bongailas staqsiet dwar il-possibilta li nitkellmu mal-MEPA biex jagħġlu. Is-sinjura Yvonne Zammit qalet li hemm wisq problemi ta' traffiku u parking peress illi hemm min iħalli l-karrozza f'nofs tat-triq sakemm jiġbed il-flus. Qalet illi hemm min jabbuza wkoll u

juza s-servizz tal-librerija meta jipparkjaw quddiem l-ATM. Is-sur Patrick Bongailas issuġerixxa li l-Kunsill jibgħat lil Wardens fl-area biex jikontrollaw il-problemi.

- Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi suppost hemm kamera biex jinqabdu dawk illi jabbuzaw fl-area. Fuq dan il-punt is-sinjura Margaret Bongailas irispondiet illi hija ċerta li l-kamera ma taħdimx. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil żied fuq il-punt tas-sinjura Zammit illi l-problema mhux sempliċitament minħabba l-ATM imma n-nies qegħdin jipparkjaw hemmhemm anka biex jinqdew b'servizzi oħrajn. Is-Sindku spjega li hemm spejjez kbar biex insibu kumpanija biex jimmaniġinjaw il-monitoring ta' kamera izda qal illi se nsolvu l-problema malajr kemm jista jkun.
- Is-sur Patrick Bongailas spjega li dejjem hemm il-possibilita li xi ħadd iweġġa minħabba l-problemi fit-triq minħabba l-ATM u s-sinjura Margaret Bongailas żiedet illi jkun hemm tfal tal-iskola/nursery li qegħdin jaqsmu hemmhekk meta jkun hemm ħafna traffiku (minħabba karrozzi li jagħdu għall-użu tal-ATM). Is-Sindku rrisponda li t-traffiku se jnaqqas sew meta l-ATM tiċċaqlaq. Il-kunsillier Publius Abdilla żied illi sfortunatament it-traffiku hija problema f'diversi partijiet tar-raħal u mhux biss f'triq l-Iskola.
- Is-sur Patrick Bongailas qal illi barra minn dawn il-problemi li ġew diskussi hemm ukoll il-fatt illi ħafna nies m'għandhomx rispett għal dawk ta' madwarhom u jħalu l-mużika għaddej, u jagħmlu izjed storbju, sakemm jinqdew bl-ATM, anka fil-ħin ta' rqadt.
- Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-ebda kunsillier ma kien kontra li tiċċaqlaq l-ATM imma li kien hemm min ma qabilx fuq il-post fejn se teħel issa.
- Is-Sindku qal illi l-affarijiet idumu naqra u li r-residenti għandhom jieħdu naqra izjed paċenzja sakemm nieħdu l-permess biex inċaqalqu l-ATM.

### 3.1.2 Ilma fil-Pjazza ta' Ħal Safi

- Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva korrespondenza mis-sur Tarċisio Barbara fejn dan talab update rigward il-problema fil-pjazza fejn qed izomm ħafna ilma wara li tagħmel ix-xita. Is-Sindku, bil-qbil tal-kunsilliera, qal illi m'għandniex kontroll fuq dan.

### 3.1.3 Bypass: triq il-Kuċċard

- Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-istess persuna (is-sur Barbara) talab għall-update rigward il-proġett tal-Bypass [triq il-Kuċċard]. Is-Sindku qal illi ftit ilu kien tkellem mal-Ministru Joe

Mizzi u li ma rċieva l-ebda update. Qal illi r-risposta li waslet għandu kienet illi l-Ministeru għandu prijoritajiet oħra bħalissa u meta dawn jitlestu se jiffukaw fuq proġetti bħal dik ta' triq il-Kuċċard.

### 3.1.4 Palma [triq Ta' Rqajja]

- Is-sinjura Yvonne Zammit qalet illi hemm siġra tal-palma perikuluza. Is-Sindku qal illi diġa konna ddiskutejna, u ftehmna, li se tinqala. Żied ukoll illi mhix siġra tal-Palma.
- Is-Sindku qal illi x-xogħol se ssir meta nibdew il-proġett fl-area Ta' Ġawħar biex nużaw il-gaffa tal-kuntrattur. Talab paċenzja minn naħa tar-residenti sakemm jirnexxilna nieħdu ħsieb dan ix-xogħol.